MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 904/2008

**Go Plc (C 22334)**

**Vs**

**JND Pubs Limited (C 28792) u Jamie Paul Frendo (I.D. No. 267002L)**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' elf, seba' mija, erbgha u tmenin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1784.25) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi telefoniku li jgib in-numru 21585677 (AC 10211356) u skont kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mat-talba.

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex jghaddu ghal hlas izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.
Bl-ispejjez inkluzi u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notfikati.

Ra illi l-konvenuti naqsu li jidhru ghas-seduta ta` llum.

Illi fis-seduta tal-4 ta' Frar, 2009 il-konvenut Jamie Paul Falzon deher u ta` ruhu b'notifikat bl-atti u ghazel li jixhed. Il-konvenut Jamie Paul Falzon deher f'ismu u f'isem is-socjeta' konvenuta '*JND Pubs Limited'* li taghha huwa r-rapprezentant guridiku u ammetta t-talba attrici u qal illi l-ammont sa llum ghadu dovut.

It-Tribunal jidhirlu illi b'ammissjoni stess tal-konvenut, l-atturi ppruvaw il-kaz taghhom quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------